MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Numru 1304/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Louise Calleja**
**Spettur Priscilla Caruana**
**V**

**NAZZARENO LIA**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **NAZZARENO LIA** ta’ hamsa w erbghin sena, bin Francesco u Giovanna nee Gatt, imwieled Pieta nhar s-sebgha ta’ Marzu 1964 u residenti 51, Triq l-Immakulata, Bormla, detentur tal-karta ta' l-identita numru 161764M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli f’dawn il-Gzejjer f’Dicembru 2009 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin minnu wkolljekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, xjentement ghex ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta’ Alexandria Scerri;

2. Talli zamm jew ezercita jew kellu burdell jew dar, jew lok iehor jew ta’ xi parti minnhom ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra mmorali;

3. Talli bl-imgieba tieghu, kkaguna lil Alexandria Scerri biza li ser tintuza vjolenza kontra taghha meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu ser tikkagunalha biza;

4. Talli kkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Alexandria Scerri kif certifikat minn Doctor Moira Grech bin-numru ta’ registrazzjoni medikali 2565.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemmija Alexandria Scerri u l-familja taghha, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta’ Protezzjoni taht dawk l-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-estratt mill-att tat-twelid tal-imputat bhala Dok. CSH, l-fedina penali tal-imputat esibita bhala Dok. CSH 1, l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat nhar l-hmistax ta’ Dicembru 2009 esibita bhala Dok. CSH 2, stqarrija ohra rilaxxjata mill-imputat odjern nhar l-erbatax ta’ Dicembru 2009 esibita bhala Dok. CSH 3 kif wkoll l- patients certification form dwar Sandra Abdilla esibita bhala Dok. CSH 4.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum, l-hmistax ta’ Dicembru 2009 ghal akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuza kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti rat ai fini ta' piena:

1. L-ammissjoni bikrija tal-imputati sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti.

2. Rat ukoll il-ko operazzjoni tal-imputat anke matul li huwa rrilaxja l-istqarrija.

3. Rat illi l-prosekuzzjoni ma kienitx qed tinsisti fuq sentenza ta prigunerija efettiva.

4. Rat illi bejn l-imputat u l-vittma twieldu zewg ulied w ghalhekk hemm kuntatt bejn il-kopja u li skond ma qalet id-difiza u mhux kontestat mill-prosekuzzjoni, r-relazzjoni ta bejn l-imputat u l-vittma ilha ghaddejja minn 'strain' ghal diversi xhur, tant li ghamlu zmien jghixu flimkien imbaghad jitliqu lil xulxin u jergghu jabitaw flimkien.

5. Rat il-fedina penali tal-imputat, minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu xejn inqas minn sitt *convictions* registrati fejn inghata multi w amendi, pero tali *convictions* m'humiex ta' portata serja hafna kif sahansitra jirrizulta mill-pieni li huwa nghata.

Mill-banda l-ohra l-Qorti rat li m'ghandhiex taghti l-impressjoni li xejn mhu xejn u li m'ghandhux jinghata canfira bil-ghan li jitghallem mill-izbalji tieghu u jibda jsegwi hajja normali 'l boghod mill-kriminalita.

Ghalhekk thoss f'dawn ic-cirkostanzi li hija ghandha tapplika piena ta' sentenza ta' prignuerija sospiza li ghandha sservi ta' deterrent bil-ghan li jzommu 'l boghod mill-hajja ta' kriminalita u bil-ghan li b'dan il-piz fuqu huwa jahseb ta' dak li jkun ser jaghmel profondament qabel ma jagixxi.

**Ghalhekk, il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 5(1) u 7(1) tal-Kap 63 u l-artikoli 221, 251B u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u **tiddikjara li ssib lil imputat NAZZARENO LIA hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddeciedi li tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax (18) il-xahar sospizi ghal sentejn (2) snin mill-lum ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna sigurta fuq il-persuna ta' Alexandria Scerri ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li spjegat lil hati l-konsegwenzi tas-sentenza moghtija fil-konfront tieghu, l-istess imputat iddikjara li fehem ben tajjeb tali konsegwenzi.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputat u x'jigri f'kaz li huwa jonqos li josservaha u l-imputat iddikjara li fehem l-ispjegazzjoni moghtija mill-Qorti.**

**Oltre dan qed tordna d-divjett ta' isem u konnotazzjonijiet kollha kemm tal-imputat kif wkoll tal-vittma fuq il-mezzi kollha tax-xandir.**

**Finalment tordna li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------